

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn il-konklużjoni tad-diversi rapporti tekniċi ta' verifikasi kienet, mingħajr eċċeżżjoni, li r-rikorrenti kienet tuża r-riżorsi skont il-prinċipji ta' ekonomija, ta' effiċċjenza u ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Minn dan jirriżulta li r-REA ma tistax tallega li kkonstatat b'mod validu li fil-kuntest ta' sussidji oħra r-rikorrenti wettqet irregolaritajiet li huma tali li jiġiustifikaw jew ix-xoljiment jew is-sospensjoni tal-pagamenti kollha fil-kuntratti ta' sussidju inkwiżjoni. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fil-ftehimiet ta' sussidju hija l-unika forma ta' finanzjament tar-rikorrenti u mingħajr ebda dubju l-assenza ta' proġetti Ewropej ġodda twassalha għall-falliment.

### Rikors ippreżentat fit-2 ta' Frar 2016 – Sigma Orionis vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-48/16)

(2016/C 098/75)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Sigma Orionis SA (Valbonne, Franza) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

- tiddikjara li l-Kummissjoni Ewropea naqset milli tossera l-obbligi kuntrattwali tagħha li jirriżultaw mill-kuntratti ta' sussidju EP7 u H2020 billi ssuspendiet il-ħlasijiet kollha dovuti lir-rikorrenti abbażi ta' rapport ta' investigazzjoni tal-OLAF li tfassal illegalment,
- tiddikjara li l-Kummissjoni Ewropea naqset milli tossera l-obbligi kuntrattwali tagħha li jirriżultaw mill-kuntratti ta' sussidju EP7 u H2020 billi xoljet il-kuntratti ta' suddidju inkwiżjoni abbażi ta' rapport ta' investigazzjoni tal-OLAF li tfassal illegalment,
- sussidjarjament, tordna l-ħatra ta' espert sabiex jiġu ddeterminati s-sommom inkontestabilment dovuti lir-rikorrenti abbażi tal-kuntratt ta' sussidji inkwiżjoni.

Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuta

- għall-ħlas tas-sommom illegalment sospiżi dovuti abbażi tal-kuntratti ta' sussidju EP7, jiġifieri EUR 607 404,49, miżjudha, skont l-Artikolu II.5.5, bl-interessi moratorji kkalkolati mid-data ta' meta s-sommom saru dovuti, bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament, miżjudha bi 3,5 punti,
- għall-ħlas tas-sommom illegalment sospiżi dovuti abbażi tal-kuntratti ta' sussidju H2020, jiġifieri EUR 226 688,68, miżjudha, skont l-Artikolu 21.11.1, bl-interessi moratorji kkalkolati mid-data ta' meta s-sommom saru dovuti, bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament, miżjudha bi 3,5 punti,
- tikkumpensa lir-rikorrenti għad-dannu addizjonali li hija sofriet, evalwat, f'dan l-istadju, għal EUR 1 500 000 bla ħsara għal żieda jew tnaqqis fil-mori tal-kawża,
- għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq rapport ta' investigazzjoni stabbilit permezz ta' provi miġbura illegalment sabiex tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha li tissospendi l-pagamenti dovuti lir-riorrenti u dan, fl-intier tagħhom. Ir-riorrenti ssostni, f'dan is-sens, li sa fejn il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq provi miġbura illegalment, kemm is-sospensjoni tal-ħlasijiet kif ukoll ix-xoljiment tal-kuntratti ta' sussidju huma illegali.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn il-konklużjoni tad-diversi rapporti tekniċi ta' verifikasi kienet, mingħajr eċċeżżjoni, li r-riorrenti kienet tuża r-riżorsi skont il-prinċipji ta' ekonomija, ta' effiċjenza u ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax tallega li kkonstatat b'mod validu li fil-kuntest ta' sussidju oħra r-riorrenti wettqet irregolaritajiet li huma tali li jiġiġustifikaw jew ix-xoljiment jew is-sospensjoni tal-pagamenti kollha fil-kuntratti ta' sussidju inkwistjoni. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fil-ftehimiet ta' sussidju hija l-unika forma ta' finanzjament tar-riorrenti u mingħajr ebda dubju l-assenza ta' proġetti Ewropej ġodda twassalha għall-falliment.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni, b'mod gravi u manifest, injorat il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, fatt li jista' jagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Ir-riorrenti allegatament sofriet dannu marbut mar-reputazzjoni tagħha u man-numru ta' ordnijiet li tirċievi, u dan inaqqas kunsiderevolment, jekk mhux saħansitra jgħi fix-xejn, kull perspettiva ta' parteċipazzjoni, fil-ġejjieni, għal proġetti Ewropej ġodda. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fil-ftehimiet ta' sussidju hija l-unika forma ta' finanzjament tar-riorrenti u mingħajr ebda dubju l-assenza ta' proġetti Ewropej ġodda twassalha għall-falliment.

---

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2016 – Premo vs UASI – Prema Semiconductor (PREMO)

(Kawża T-400/14) <sup>(1)</sup>

(2016/C 098/76)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 261, 11.8.2014.

---

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2016 – Premo vs UASI – Prema Semiconductor (PREMO)

(Kawża T-440/14) <sup>(1)</sup>

(2016/C 098/77)

Lingwa tal-kawża: l-ingliż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 315, 15.9.2014.

---